MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 69/2011/1

**Fatiha Khallouf**

**v.**

**Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti minn sentenza moghtija fl-14 ta' Marzu 2014 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi, wara li lliberat lill-intimat Avukat Generali mill-osservazzanza tal-gudizzju peress li ma kellux legittimazzjoni passiva fil-proceduri odjerni, laqghet l-eccezzjonijiet kollha tal-Ministru intimat u cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti; bl-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-istess rikorrenti.

2. It-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur huma mfissra hekk:

> "…… titlob li din l-Qorti joghgobha [1] tiddikjara li hemm vjolazzjoni tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan ghar-ragunijiet premessi, [2] konsegwentement thassar l-ordni tal-Ministru intimat, [3] tiddikjara wkoll li kull tentattiv ta' tkeccija tar-rikorrenti jmur kontra l-Art. 3 tar-Raba' Protokoll, [4] taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni, inkluzi rimedji temporanji u intelokutorji halli tipprevjeni u tissana l-vjolazzjonijiet lamentati, [5] taghti kumpens morali lill-esponenti, u l-ispejjez."

3. Ir-rikorrenti hassitha aggravata bid-decizjoni tal-ewwel Qorti, u ressqet l-appell odjern li permezz tieghu talbet li din il-Qorti *"tirrevoka s-sentenza appellata, jekk hemm bzonn taghmel referenza lill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fuq ic-cittadinanza Ewropea tal-appellanti, u minflok tilqa' t-talbiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi".*

4. Min-naha tieghu il-Ministru intimat talab li l-appell jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

**Is-Sentenza Appellata**

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghal dan l-appell:

> "Fit-8 ta' April 1996, ir-rikorrenti Fatiha Khallouf, cittadina Marokkina, zzewget lil Fortunato Mangion ċittadin Malti.
>
> "Fil-11 ta' April 1996, għab-bażi ta' dan iż-zwieg l-istess rikorrenti applikat sabiex tigi registrata bhala cittadina Maltija. In effett Fatiha Khallouf giet registrata bhala cittadina Maltija b'effett mill-24 ta' Lulju 1996."
>
> "Kif jirrizulta mid-dokument fol. 74 il-passaport marokkin intbaghat lill-Ambaxxata tal-Marokk gewwa Ruma in vista tal-fatt li r-rikorrenti kienet saret cittadina ta' Malta. Jirrizulta li sabiex hadet ic-cittadinanza ta' Malta hi kellha tirrinunzja ghal dik Marokkina.
>
> "Jirrizulta li r-rikorrenti u l-imsemmi ragel taghha, Fortunato Mangion, isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Ottubru 1997 fl-Atti tan-Nutar Dr Nathalie Pace Asciak (vide l-annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' Marcel iben Fatiha Khallouf Dok. JM 4).
>
> "Fis-17 ta' Lulju 1998, ir-rikorrenti kellha tarbija minn relazzjoni ma' certu Mohammed Ahmad kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv ghall-imsemmi binha cioe` l-minuri bl-isem ta' Marcel.
>
> "Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Ottubru 2000 (fol.32), iz-zwieg bejn Fatiha Khallouf u Fortunato Mangion gie annullat.
>
> "Illi fis-sena 2001 l-awtoritajiet Taljani talbu l-estradizzjoni ta' Fatiha Khallouf peress illi hija kienet akkuzata b'komplicita` fi traffikar ta' immigranti ipprojbiti lejn l-Italja. Effettivament ir-rikorrenti giet estradita f'Settembru 2002.
>
> "Fit-30 ta' Gunju 2003, il-Qorti tal-Appell ta' Ragusa ikkonfermat sentenza tal-15 ta' April 2003 u b'hekk ir-rikorrenti giet ikkundannata ghall-piena ta' prigunerija ta' aktar minn sena kif ukoll ghall-piena pekunjarja. Wara li r-rikorrenti skontat l-imsemmija sentenza, hi giet akkuzata quddiem il-Qrati Maltin b'importazzjoni ta circa kilo u nofs droga eroina minn Tunes. Ir-rikorrenti nstabet li kienet hatja tal-imsemmija akkuza u b'hekk giet ikkundannata tiskonta perjodu ta' prigunerija u giet ukoll ordnata thallas piena pekunjarja, u dan b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-22 ta' Mejju 2006.
>
> "Inoltre jirrizulta li d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza baghat jinforma lir-rikorenti (Dok. JM 9 – fol. 53) permezz ta' ittra tad-19 ta' Frar

2010 illi l-Ministru kompetenti kien ser jipprivaha mic-cittadinanza Maltija stante li kienet ottjeniet ic-cittadinanza bi frodi."

"…………………… Omissis ……………………"

"**Eccezzjoni preliminari**

"Fl-eccezzjoni preliminari taghhom, l-intimati jaghmlu referenza ghall-artikolu 181B tal-Kap.12, li jitkellem dwar ir-rappresentanza ġudizzjarja tal-Gvern jew ta' organi tieghu. Skont dawn il-provedimenti l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern, li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.

"Is-sub-inciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi li l-Avukat Generali ghandu jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jkunu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern.

"Mit-termini stess tat-talba odjerna jirrizulta kjarament li din hi azzjoni għat-tħassir tal-imsemmija ordni ta' privazzjoni mic-cittadinanza Maltija. Ghalhekk in effett hu l-Ministru responsabbli ghall-Affarijiet Esteri jew Barranin li appuntu ghandu l-funzjoni, cioe` li jikkoncedi jew jirtira c-cittadinanza. Ghalhekk huma korretti l-intimati meta jissottomettu li f'dawn il-proceduri mhux mehtiega l-presenza ta' l-Avukat Generali bhala intimat u dan billi din it-talba tikkoncerna biss lill-intimat Ministru tal-Affarijiet Barranin. In effett l-avukat Generali kellu biss jigi notifikat bir-rikors promotur u dan kif jipprovdi s-subinciz (3) tal-istess artikolu 181B. Kwindi l-intimat Avukat Generali ma kellux jiddahhal f'dawn il-proceduri. Konsegwentement l-istess intimat Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li, in virtu' tal-imsemmija provedimenti, m'ghandux jitqies li hu l-legittimu kontradittur. In effett hu l-Ministru responsabbli ghall-Affarijiet Barranin li f'dan il-kaz ghandu jitqies li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern.

"**Rikors kostituzzjonali**

"Il-lanjanza tar-rikorrenti Fatiha Khallouf hi li l-imsemmija ordni ta' privazzjoni mic-cittadinanza Maltija tilliedi d-drittijiet tagħha kif protetti bil-provedimenti tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti tilmenta ukoll li kull tentattiv ta' tkeccija tar-rikorrenti minn Malta jmur kontra l-Artikolu 3 tar-Raba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropea.

"L-imsemmi artikolu 8 jipprovdi testwalment – "(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu; (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eserċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiz, biex jiġi evitat id-dizordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

"L-imsemmi artikolu 3 jitkellem dwar il-projbizzjoni ta' tkeccija ta cittadini. Dan l-artikolu jipprovdi kif gej – "1. Ħadd ma għandu jiġi mkeċċi, minħabba jew xi mizura individwali jew xi waħda kollettiva, mit-territorju tal-Istat li jkun ċittadin tiegħu. 2. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mid-dritt li jidħol fit-territorju tal-Istat li jkun ċittadin tiegħu."

"Bl-imsemmi avviz bid-data 19 ta' Frar 2010, (fol.52) ir-rikorrenti ġiet informata illi kien maħsub illi jinhareg fil-konfront taghha ordni ta' privazzjoni miċ-ċittadinanza Maltija, għab-bażi tal-Artikolu 14(1) u (2) tal-Kap 188 tal-Liġijieti ta' Malta. Issa dawn l-imsemmija artikoli jipprovdu – '14. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' b'ordni jippriva mic-cittadinanza tieghu Maltija kull cittadin ta' Malta li jkun hekk b'registrazzjoni jew naturalizzazzjoni jekk ikun sodisfatt li r-registrazzjoni jew certifikat ta' naturalizzazzjoni kien miksub permezz ta' qerq, rapprezentanza falza jew il-habi ta' xi fatt sostanzjali; (2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' b'ordni jippriva mic-cittadinanza tieghu Maltija kull cittadin ta' Malta li jkun hekk b'registrazzjoni jew b'naturalizzazzjoni jekk ikun sodisfatt li dak ic-cittadin –...(c) ikun, eghluq seba' snin wara li jkun gie naturalizzat jew wara li jkun gie registrat bhala cittadin ta' Malta, gie kundannat f'xi pajjiz ghal piena restrittiva tal-liberta' personali ghal zmien ta' mhux anqas minn tanx-il xahar.'

"Mid-dokument li jinsab fol.53, ir-rikorrenti kienet giet infurmata illi l-imsemmija privazzjoni kienet, effettivament, inħarġet għab-bażi tal-fatt illi l-istess rikorrenti kienet kisbet ic-ċittadinanza bi frodi, in vista tal-fatt li hi kienet daħlet fi żwieġ ta' konvenjenza. In vista ta' dawn il-fatti u in vista tal-imsemmija provedimenti tal-imsemmi artikolu 14(1) jista jigi konkluz li fil-fatt l-imsemmija ordni ta' privazzjoni zgur li ma kienitx ibbazata fuq dak li jghid l-imsemmi artikolu 14(2)(c).

"Hawnhekk tista ssir referenza għall-imsemmija sentenza ta' annulament taz-zwieg in kwestjoni, li giet ippronunzjata fl-20 ta' Ottubru 2000. F'din i-sentenza l-Qorti irreteniet illi 'Biex jintwera kemm dan is-suppost żwieġ ma kienx żwieġ validu xejn, huwa fil-fehma tal-Qorti suffiċjenti li jiġi kkwotat parti mix-xhieda mogħtija mill-konvenut (ir-ragel tar-rikorrenti) u parti mix-xhieda mogħtija mill-attriċi (ir-rikorrenti). Fost affarijiet oħra, fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jistqarr 'Għalhekk jien kont pront għidiltha sabiex niżżewwiġha fl-inqas żmien sabiex b'hekk ikollha post fejn toqgħod. Dan għamiltu peress li Fatiha kienet qaltli li ma setgħetx tmur il-Marokk biex tgħix hemm peress li kellha ħafna inkwiet, għalkemm jiena qatt ma staqsejtha x'kien dan l-inkwiet.'

> "'Jien bħal kont drajtha lilha u għalhekk iddeċidejt li nagħmlilha pjaċir billi niżżewwigha u b'hekk ikollha pajjiż u post fejn toqgħod. Ngħid hekk, għax għaliha xorta miżżewweġ u miniex.

"Inveċe dwar il-ħsieb li wassal għal dan iż-żwieġ l-attriċi kellha dan xi tgħid:

> "Nikkonferma li jien u Fortunato qatt ma tkellimna dwar żwieġ, fl-okkażżjonijiet qosra li qattajna flimkien. Kieku ma kienx għall-fatt li jiena kont ser nispiċċa mingħajr xogħol lanqas biss konna niżżewġu. Jien kelli problema u dehrli li biż-żwieġ stajt insolviha'."

"Iz-żwieġ ta' konvenjenza jaqa' fl-ambitu tal-imsemmi artikolu 14(1) li jipprovdi 'jekk ir-registrazzjoni jew certifikat ta' naturalizzazzjoni kien miksub permezz ta' qerq, rapprezentanza falza jew il-habi ta' xi fatt sostanzjali, il-Ministru jista' b'ordni jippriva mic-cittadinanza tieghu Maltija kull cittadin ta' Malta. Kwindi jista jinghad li, f'dan il-kaz, l-intimat Ministru kien qiegħed jimxi skont il-liġi meta ħareġ l-ordni ta' privazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, stante illi ż-żwieġ tagħha kien gie kkwalifikat bħala żwieġ ta' konvenjenza bis-sentenza tal-Qorti hawn fuq ċitata u li kien inkiseb b'rappreżentazzjonijiet foloz.

"F'dan l-istadju ghandu jigi ezaminat jekk kienx hemm ksur tal-imsemmi artikolu 8 skont kif qed tallega r-rikorrenti. Is-sottomissjoni tal-intimati, f'dan ir-rigward, zbaljatament hi fis-sens li kwistjonijiet ta' ċittadinanza semmai mhumiex drittijiet li jemanaw mill-Konvenzjoni Europea u konsegwentement l-artikolu 8 mhux applikabbli. Pero`, in vista ta' ġurisprudenza riċenti, dan l-argument tal-intimat għandu jiġi skartat. Infatti fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Mejju 2012 fil-kawza fl-ismijiet "Tarek Mohamed Ibrahim vs Vici Prim Ministru u Ministru Ghall-Gustizzja u l-Intern et" irritenit – "Ghalhekk l-artikolu 8 ma jistax jigi eskluz a priori minhabba r-raguni biss li d-dritt ghac-cittadinanza mhux wiehed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni, imma kellu jigi mistharreg mill-Qorti jekk kienx hemm, fil-kaz in ezami, arbitrarjeta` fit-tnehhija tac-cittadinanza."

"Kwindi din il-Qorti ghandha taghmel ezami jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienx hemm arbitrarjeta` fil-hrug tal-ordni ta' tnehhija tac-cittadinanza tar-rikorrenti u konsegwentement jekk possibilment kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni."

"…………………… Omissis ……………………"

"… … … hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-kaz in ezami, bazikament ma jikkoncernax tkeccija, izda jikkoncerna z-zamma tal-ordni pubbliku. Ghalhekk jirrizulta li l-Ministru intimat mexa skont il-ligi u speċifikament ma dak li jipprovdi l-Artikolu 14 tal-Kap 188 l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija fejn jinghad illi jekk il-Ministru jkun sodisfatt illi r-registrazzjoni ttiehdet bi frodi jew b'rapprezentazzjoni ta' fatti foloz jew ta' habi ta' fatt materjali jista' jikkancella tali cittadinanza.

"Inoltre kien hemm fil-konfront tar-rikorrenti decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Ottubru 2000 li ddikjarat iz-zwieg bejn ir-rikorrenti u Fortunato Mangion bhala wiehed null u bla effett legali wara li rrizulta li l-unika raguni ghala r-rikorrent izzewwget kien sabiex tkun tista' tibqa' Malta biex tahdem.

“Kwindi, in vista ta’ dak kollu premess din il-Qorti ma ssib ebda vjolazzjoni tal-artikolu 3 tar-raba protokoll stante illi lir-rikorrenti tneħħietilha ċ-ċittadinanza għab-bażi taz-zamma tal-ordni pubbliku.

“Inoltre fir-rikors promotorju taghha r-rikorrenti tissolleva varji punti oħra. Difatti r-rikorrenti, fost affarijiet ohra, ssostni li ġiet irreġistrata bħala ċittadina Maltija fit-12 ta’ April 1996. Min-naha taghhom l-intimati ma jaqblux ma dan il-fatt. Infatti skont l-intimati r-rikorrenti kienet ġiet irreġistrata bħala ċittadina fl-24 ta’ Lulju 1996. Id-dokument JM3 (fol.30) hu c-ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija tar-rikorrenti fejn hemm specifikat li ċ-ċittadinanza ingħatat fit-24 ta’ Lulju 1996, cioe` skont kif isostnu l-intimati.

“Inoltre jigi rilevat li l-artikolu 26(1) tal-imsemmi Att dwar ic-Cittadinanza li kien in vigore meta r-rikorrenti applikat għar-reġistrazzjoni kien jgħid illi persuna mhux ċittadina Maltija li tiżżewweġ ċittadin Malti kellha d-dritt wara li tapplika u tieħu l-ġurament ta’ lealta li tiġi reġistrata bħala ċittadin ta’ Malta. Imbagħad l-artikolu 26(2) ikompli billi jipprovdi li tali reġistrazzjoni setgħet issir biss jekk il-Ministru jkun sodisfatt li l-għoti taċ-ċittadinanza ma jmurx kontra l-interess pubbliku u li fid-data tal-applikazzjoni dik il-persuna tkun għadha miżewwġa ċittadin Malti. Ghalhekk ir-reġistrazzjoni setgħet issir biss wara li li jigu sodisfatti l-imsemmija rekwiżiti skont kif stipulati fl-imsemmi artikolu 26(2).

“Barra minn hekk fl-affidavit tax-xhud Joseph Mizzi, Direttur fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriate Affaiers, gie kkonfermat li r-rikorrenti ġiet irreġistrata bħala ċitadin Malti b’effett mill-2 ta’ Lulju 1996. (fol 24).

“Sottomissjoni ohra tar-rikorrenti hi fis-sens li ser tispiċċa bla stat ta’ appartenenza (‘stateless’) fil-kaz li tkun sokkombenti f’dawn il-proceduri u b’hekk tigi pprivata definitivament mic-cittadinanza Maltija. Ir-rikorrenti tkompli ssostni li hi in effett gia’ tifet ic-cittadinanza Marokkina stante li kienet irrinunzjat ghaliha meta saret cittadina ta’ dawn il-Gzejjer.

“In effett fiż-żmien meta r-rikorrenti ġiet reġistrata bħala ċittadina ta’ Malta, kien hemm il-bżonn li tirrinunzja għaċ-ċittadinanza Marokkina. Skont id-dokument CEA3 (fol.75), liema dokument hu traduzzjoni mill-lingwa Franċiża għal dik Ingliża tal-liġi tal-Marokk dwar it-telf ta’ ċittadinanza Marokkina. Ċittadin tal-Marokk li volontarjament jikseb iċ-ċittadinanza ta’ pajjiż ieħor jista  jirrinunzja għaċ-ċittadinanza Marokkina b’digriet moghti mill-Awtoritajiet kompetenti f’dak il-pajjiz. Jirriżulta illi ċittadin tal-Marokk irid japplika biex jirrinunzja għaċ-ċittadinanza Marokkina. Tali applikazzjoni tista’ tigi ukoll michuda.

“L-intimati, korrettament, josservaw li bil-liġi Marokkina, it-telf ta’ ċittadinanza tal-Marokk mhux xi ħaġa awtomatika iżda jeħtieġ li jkun hemm l-akkwist ta’ ċittadinanza ohra barranija. L-applikazzjoni kif ukoll ir-rinunzja formali relattiva li tiġi awtorizzata permezz ta’ ordni f’dan is-sens.

F'dan ir-eigward ir-rikorrenti naqset milli tipprova li fil-kaz taghha kienet inharget tali ordni fl-imsemmi sens cioe` li hi kienet ġiet awtorizzata bex tirrinunzja ghac-cittadinanza Marokkina. Kwindi hu impossibbli li jigi stabbilit li effettivament ir-rikorrenti tilfet iċ-ċittadinanza Marokkina.

"In oltre l-kompitu ta' din il-Qorti mhux li tara jekk ir-rikorrenti għandhiex xi ċittadinanza ohra, izda l-kompitu taghhha hu, billi qed tagixxi fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali, li tara jekk hemmx vjolazzjoni tal-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem indikati mir-rikorrenti bl-ordni ta' privazzjoni maħruġa fil-konfront taghha.

"Inoltre r-rikorrenti tissottometti ukoll illi l-MInistru kellu żmien sentejn biex jibda l-azzjoni tal-privazzjoni taċ-ċittadinanza. Ir-rikorrenti, hawnhekk, hi skorretta stante li fil-kaz ta' ordni ta' privazzjoni ta' ċittadinanza ma jidhirx li hemm provdut ghal xi preskrizzjoni."

"…………………… Omissis ……………………"

"Fir-rigward tal-osservazzjoni li tagħmel ir-rikorrenti illi ċittadinanza tingħata għal dejjem, ma jistax ma jiġix osservat illi dan l-argument ma jreggix għaliex li kieku dan kien il-każ, ma kienx ikun hemm il-bżonn illi il-liġi innifisha tipprovdi għall-privazzjoni."

"…………………… Omissis ……………………"

**L-Appell**

6. Dan hu bazat fuq tmien aggravji koncizament esposti mir-rikorrenti: [1] li l-Avukat Generali huwa legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri peress li qed tigi attakkata s-sistema introdotta b'legislazzjoni; [2] li l-materja tac-cittadinanza taqa' taht l-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ["il-Konvenzjoni"]; [3] li t-thassir tac-cittadinanza tikkostitwixxi interferenza taht l-Art. 8; [4] li din l-interferenza fil-kaz odjern kienet wahda illegittima, anke b'referenza ghal-ligi tal-Unjoni Ewropea stante li r-rikorrenti hija cittadina Ewropea; [5] li z-zwieg bejn ir-rikorrenti u Fortunato Mangion ma kienx wiehed ta' konvenjenza, u r-ragunijiet tal-annullament kienu attribwibbli lill-konvenut; [6] li *dato non concesso* li dan kien zwieg ta' konvenjenza dan

mhux bizzejjed biex itellef ic-cittadinanza; [7] li, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, il-fattur tal-*istatelessness* allegat mir-rikorrenti jinsab sufficjentement provat; [8] li l-eccezzjoni ghall-interferenza fuq bazi ta' ordni pubbliku m'ghandhiex tistrieh fuq semplici suspett li kien hemm zwieg ta' konvenjenza.

*L-ewwel aggravju*

7. Dan l-aggravju hu fis-sens li l-intimat Avukat Generali hu legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, stante li r-rikorrenti qed tattakka mhux biss l-azzjoni partikolari tal-Ministru, imma wkoll is-sistema introdotta b'legizlazzjoni. Qed tattakka mhux biss l-ezercizju tal-poteri tal-Ministru, imma wkoll il-poteri moghtija lilu bil-ligi.

8. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-parametri tal-azzjoni gudizzjarja huma delineati mit-talbiet ta' min jaghmel l-azzjoni ghax il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda hekk kif din tkun giet proposta. Jinsab ritenut li fl-ghoti tad-decizjoni l-gudikant ghandu joqghod rigorosament fil-limit tal-kontestazzjoni, u in partikolari ta' dak mitlub mill-attur *[ara fost ohrajn PA* **Stephen Sciberras v. Avk. Francesco Depasquale***, deciza 9.12.2002]*.

9. Fil-kaz in dizamina jirrizulta mir-rikors promotur li t-talbiet tar-rikorrenti huma bazati biss fuq l-allegata vjolazzjoni tal-Art. 8 u l-Art. 3 tar-Raba'

Protokoll tal-Konvenzjoni, u fl-ebda parti tar-ragunijiet ta’ dawn it-talbiet ma giet attakkata xi sistema legislattiva jew xi dispozizzjoni tal-ligi.

10. Huwa biss fil-paragrafu tar-rikors promotur li jittrata l-allegat ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni u tal-Art.39 tal-Kostituzzjoni li r-rikorrenti espressament tattakka l-Artikolu 14 tal-Kap. 188 bhala li hu vjolattiv tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali taghha taht l-artikoli appena citati, liema artikoli pero` ma jifformawx parti mit-talbiet tar-rikorrenti.

11. Ferm il-premess, isegwi li b’applikazzjoni tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 huwa l-Ministru intimat, u mhux l-Avukat Generali, li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja f’dan il-kaz li fih qed jigi attakkat l-ezercizju tal-awtorita` tieghu.

12. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

13. Dan hu fis-sens li c-cittadinanza taqa’ taht l-Art. 8 tal-Konvenzjoni.

14. F’dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li minn imkien fis-sentenza appellata ma l-ewwel Qorti qalet li l-Art. 8 huwa inapplikabbli ghall-materji dwar cittadinanza, anzi dik il-Qorti qalet l-oppost u, wara li ccitat dak li kienet qalet din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-28 ta’ Mejju 2012 fl-ismijiet **Tarak Mohamed Ibrahim v. Prim Ministru**, ghaddiet biex tezamina l-provi akkwiziti

bil-ghan li tidditermina jekk il-fatti provati jwasslux ghal-lezjoni kontemplata f'dan l-artikolu, u cioe` jekk l-ordni ta' privazzjoni mic-cittadinanza kienetx gustifikata fit-termini tal-istess artikolu. Wara li ghamlet id-debiti konsiderazzjonijiet fattwali l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li f'dan il-kaz l-operat tal-Ministru intimat ma kienx leziv tal-Art. 8.

15. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

*It-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' aggravji*

16. Dawn ser jigu trattati flimkien peress li huma konnessi.

17. It-<u>tielet u r-raba' aggravji</u> huma fis-sens li l-ordni ta' privazzjoni tikkostitwixxi interferenza skont il-ligi. Hija tfisser hekk dan l-ilment:

> "L-esponenti kienet hadet ic-cittadinanza zmien qabel dahlet il-ligi attwali fil-Kap. 188 tal-Ligijiet ta Malta [b'referenza ghall-Att IV tas-sena 2000]. Minn dak iz-zmien dahal ukoll id-dritt ta' cittadinanza doppja, u fuq kollox Malta, u c-cittadini Maltin, saret parti mill-Unjoni Ewropea, u ghalhekk saret ukoll cittadina tal-Unjoni Ewropea. **Peress li issa qeghdin fi stadju ta' appell, tista' din l-Onorabbli Qorti tiddecidi hi l-punt jekk tali revoka ta' cittadinanza hix kompatibbli mal-Ligi tal-Unjoni**? F'tali kwadru hemm bzonn li ssir riferenza ghall-organi gudizzjarji Ewropej. In sostenn l-esponenti qed tirriproduci sunt tas-sentenza **Rottman v. Stat tal-Bavaria**. Meta wiehed jezamina din is-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja jsib li ghandu jkun hemm *judicial review*. Huwa car li kif interpretatal-ligi Maltija f'dan il-kaz, u bil-kelma cara tal-ligi, l-ebda *judicial review* mhu koncess. Tit-tieni lok trid tigi ezaminata l-proporzjonalita`, u kriterji importanti huma d-dewmien tal-persuna li tkun ilha fil-pajjiz, u r-rabtiet li tkun ghamlet. Dan ma gie bl-ebda mod kunsidrat la fil-ligi u lanqas fis-sentenza."

18. Rigward <u>il-hames aggravju</u> r-rikorrenti tghid:

> "L-ewwel Onorabbli Qorti sahqet fuq iz-zwieg ta' konvenjenza. Imma meta wiehed jezamina dik is-sentenza ta' annullament ta' zwieg l-fatti juru li kien l-incest ta' zewgha li kienet ir-raguni tal-annullament taz-zwieg. Lanqas kien hemm kawzali jew talba li kien zwieg ta' konvenjenza. Fuq kollox lanqas kien hemm allegazzjoni li l-esponenti kienet taf bl-incest ta' zewgha u xorta baqghet ghaddejja biz-zwieg basta tizzewweg."

19. Ikompli s-sitt aggravju fuq l-istess nota:

> "*Dato non concesso* li ghall-esponenti kien zwieg ta' konvenjenza, mhux bizzejjed biex ittellef ic-cittadinanza u li tali tnehhija tkun skont il-ligi, li tinkludi l-ligi tal-Unjoni…"

20. Dwar is-seba' aggravju r-rikorrenti tikkontendi li bl-ordni ta' privazzjoni hi giet reza apolida. Tghid li hi gabet provi sufficjenti sabiex tipprova dan il-fatt u nisslet l-argument principali mill-fatt li meta ghamlet l-applikazzjoni ghall-ksib tac-cittadinanza hija ffirmat il-formola preskritta li tirrinunzja ghac-cittadinanza Marokkina. Ghalhekk min-naha taghha hi ghamlet dak rikjest minnha, filwaqt li tosserva li ghalkemm ghadda hafna zmien l-awtoritajiet Marokkini *"qatt ma affermaw li ghad ghandha c-cittadinanza Marokkina. L-anqas qatt affermaw li se johorgu passport gdid".* Tghid li l-Istat Malti kien accetta li hi tilfet ic-cittadinanza Marokkina, tant li accettat l-applikazzjoni taghha u taghtha c-cittadinanza Maltija.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

21. Rigward it-tielet aggravju din il-Qorti tosserva li, ghalkemm ir-rikorrenti ma specifikat ebda ligi tal-Unjoni Ewropea, jidher li l-bazi ta' dan l-aggravju jinstab fl-Artikolu 17EC tat-trattat li fil-parti relevanti tieghu jghid hekk:

> "….. Every person holding the nationality of a Member State shall be a citizen of the Union. Citizenship of the Union shall complement and not replace national citizenship."

22. In sostenn tat-talba taghha sabiex din il-Qorti taghmel referenza preliminari lill-Qorti Ewropea hija ssemmi l-kaz **Rottmann v. Stat tal-Bavaria** u tghid li ghandha dritt ghal *judicial review* u ghandu jigi applikat il principju tal-proporzjonalita` ukoll fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti kienet ilha f'Malta ghal certu tul ta' zmien.

23. Min-naha tieghu l-intimat jissottometti li, apparti milli skont is-subinciz 4 tal-Art. 14 r-rikorrenti kellha d-dritt li tressaq il-kaz taghha quddiem kumitat ta' inkjesta, liema dritt kien gie fil-fatt ezercitat minnha izda bla success, dan kien kaz car ta' zwieg ta' konvenjenza u ghalhekk jaqa' fl-ambitu tal-Art. 14[1] tal-Kap. 188.

24. Din il-Qorti tosserva li fil-kaz **Rottmann** li kien jittratta referenza preliminari f'kaz fejn l-applikant kien akkwista c-cittadinanza b'qerq, il-Qorti Ewropea kkonkludiet hekk:

> "It is not contrary to European Union law, in particular Article 17EC, for a Member State to withdraw from a citizen of the Union the nationality of that State acquired by naturalisation when that nationality was obtained by deception, on condition that the decision to withdraw observes the principle of proportionality."

25. Fl-istess sentenza dik il-Qorti ghamlet diversi osservazzjonijiet relevanti ghall-kaz odjern u li huma relatati mad-dritt tal-Istat Membru li jirtira c-cittadinanza ta' wiehed mill-membri tieghu. Fosthom hemm is-segwenti:

> "It is to be borne in mind here that, according to establised case-law, it is for each Member State, having due regard to Community law, to lay down the conditions for the acquisition and loss of nationality [*Micheletti and Others* para.10; Case C-179/98 *Mesbah* [1999] para.29; and Case C-200/02 *Zhu and Chen* [2004] para.37]" [para.39]……………Nevertheless, the fact that a matter falls within the competence of the Member States does not alter the fact that, in situations covered by European Law, tha national rules concerned must have due regard to the latter.[para.41]…………if a decision withdrawing naturalisation ….. is based on the deception practised by the person concerned in connection with the procedure for acquisition of the nationility in question, such a decision could be compatible with European Union law. [para.50]…….In such a case, it is however, for the national court to ascertain whether the withdrawal decision …. observes the principle of proportionality…. [para.55]……….…….. observance of the principle of proportionality requires that the person concerned to be afforded a reasonable period of time in order to try to recover the nationality of his Member State of origin [para.58].

26. Mill-premess ghandu jirrizulta car li, skont il-Ligi Ewropea huma l-Istati Membri li ghandhom jiddeciedu kazijiet dwar l-irtirar tac-cittadinanza basta fid-decizjoni taghhom jittiehed in konsiderazzjoni l-principju tal-proporzjonalita`. Ghalhekk fil-fehema ta' din il-Qorti mhux il-kaz li ssir ir-referenza peliminari mitluba mir-rikorrenti stante li dak li kien jehtieg li jsir mill-qrati domestici huwa ezami tal-provi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali premessi. In vista ta' dan, it-talba sabiex issir referenza qed tigi michuda.

27. Qabel ma din il-Qorti tkompli tikkonsidra l-aggravji huwa opportun li jigu senjalati s-segwenti fatturi li jirrizultaw mill-provi.

28. Fit-8 ta’ April 1996 ir-rikorrenti kkuntrattat zwieg civili ma’ cittadin Malti. Tlett ijiem wara, applikat ghac-cittadinanza Maltija a bazi tal-fatt li kienet izzewwget cittadin Malti, u fl-applikazzjoni ddikjarat solennament li d-dettalji moghtija minnha kienu veritieri. Konsegwentement fl-24 ta’ Lulju 1997 hareg ic-certifikat tar-registrazzjoni li jghid li minn dik il-gurnata r-rikorrenti saret cittadina Maltija.

29. Wara li l-attrici u zewgha sseparaw fil-21 ta’ Ottubru 1997, l-attrici pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kawza sabiex dik il-Qorti tiddikjara null iz-zwieg taghha, u b’sentenza moghtija fl-20 ta’ Ottubru 2000 dik il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici a bazi ta’ dak kontemplat fil-paragrafi [c], [d] u [f] tal-Art. 19 [1] tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dik il-Qorti wkoll akkollat l-ispejjez liz-zewg partijiet, in kwantu ghal ¼ lill-attrici ¾ lill-konvenut. Minn din is-sentenza ma sarx appell, u ghalhekk dak il-gudizzju ghadda in gudikat, u sar applikabbli l-principju *res iudicata pro veritate habetur*. Dik is-sentenza ghalhekk tikkostitwixxi stat ta’ fatt u ta’ ligi li jorbtu liz-zewg partjiiet.

30. Din il-Qorti tosserva fir-rigward li, fost il-kawzalijiet li fuqhom l-attrici ibbazat l-azzjoni taghha tal-annullament, hemm is-segwenti:

> “Illi l-kunsens tal-partijiet[1] ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.”

[1] Sottolinear ta’ din il-Qorti.

31. Din il-kawzali, bazata fuq il-paragrafu [f] tal-artikolu precitat kienet giet ezaminata mill-Qorti li semghet il-kawza tal-annullament, u rrizultalha li l-fatti hemm premessi kienu sodisfacentement provati, tant li laqghet it-talba tal-attrici anke fuq din il-kawzali.

32. Issa huwa assodat fil-gurisprudenza patria li jkun hemm simulazzjoni tal-kunsens meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra [jew it-tnejn] esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [ara fost ohrajn *PA.* **Stephen Sciberras v. Avk.Francesco Depasquale noe***, deciza* 9.12.2002; *PA* **Alfred Tonna v. Maria Tonna***, deciza* 31.01.1996; *PA* **Muscat v. Borg Grech***, deciza 14.08.1995]*.

33. Fil-kaz in dizamina l-partijiet, inkluza l-attrici, ingannaw lil xulxin u lill-Istat Malti meta, ghalkemm esternament ghaddew minn ceremonja ta' zwieg izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghhom huma eskludew iz-zwieg innifsu jew elementi essenzjali taz-zwieg. Dan hu agir frawdolenti li jaghti lok ghall-annullament taz-zwieg. Dan il-qerq kompla jigi perpetrat mir-rikorrenti meta, tlett ijiem wara, applikat ghac-cittadinanza Maltija <u>unikament</u> in bazi ghal dak iz-zwieg li hi kienet ikkuntrattat b'mod frawdolenti biex taghti apparenza ta' zwieg li fil-fatt ma' kienx jezisti.

34. Ghalhekk huwa inutili li r-rikorrenti, kemm fl-affidavit taghha kif ukoll fid-depozizzjoni taghha quddiem l-ewwel Qorti, taghmel tentattivi, taht gurament, biex tikkonvinci lil dik il-Qorti li hi kienet izzewwget sabiex tibni familja u tghix Malta, ghax il-fatti provati juru li hi mill-bidu nett kienet eskludiet iz-zwieg jew element essenzjali taz-zwieg. Inoltre, huwa daqstant fieragh it-tentattiv maghmul fir-rikors tal-appell taghha sabiex titfa' l-htija tal-annullament taz-zwieg fuq fatti li kienu jiccirkondaw lill-konvenut, ghax hi wkoll kienet hatja ghall-annullament, tant li fis-sentenza kienet akkollata parti mill-ispejjez.

35. Dwar in-natura tal-ghemil qarrieqi tar-rikorrenti meta din biex takkwista c-cittadinanza Maltija dahlet fi zwieg simulat, din il-Qorti tosserva li m'hemmx dubju li l-agir tar-rikorrenti ghandu grad gholi ta' <u>gravita`</u> tenut kont tal-fatt li kif konsistentement sostnut mill-qrati taghna il-kuntratt ta' zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta` u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku u l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hi sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss.[*App.C* **Carmel Farrugia v. Pauline Farrugia**, deciz 28.07.1987, citata b'approvazzjoni *PA* **Christine Ellul v. Brian Ellul**, deciz 21.10.2002 *u PA* **Christine Ellul v. Brian Ellul**, deciz 21.10.2002].

36. Provata l-ezistenza tal-frodi jew qerq da parti tal-attrici, japplika l-principju *fraus omnia corrumpit*, u ghalhekk dak kollu li r-rikorrenti kkonsegwiet bl-agir frawdolenti taghha huwa null u ma jiswiex fil-ligi.

37. Ghalhekk ghandu jirrizulta car kristallin li jezisti l-element tal-qerq li huwa wiehed mic-cirkostanzi li fuqhom l-intimat seta' legalment johrog ordni ta' privazzjoni mic-cittadinanza ai termini tal-Art. 14 [1] tal-Kap. 188, u f'dan is-sens m'ghandux ikun hemm dubju li l-interferenza tal-Istat, konsistenti fil-hrug tal-ordni tal-privazzjoni mic-cittadinanza fil-konfront tar-rikorrenti, ma kienitx wahda arbitrarja, kif sostnut minnha, izda kienet wahda legittima fit-termini tal-artikolu precitat.

38. Rigward il-fattur tal-legittimita` tal-mizura, ir-rikorrenti ssostni li Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija [Kap. 188] ma japplikax ghall-applikazzjonijiet bhal taghha stante li kienet saret qabel il-15 ta' Awwissu 1999 u dan tenut kont ta' dak li jghid l-istess Att fis-subinciz [2] tal-Art. 27 li jaqra hekk:

> "(2) Dan l-Att ma għandux japplika għar-rigward ta' xi applikazzjoni għar-reġistrazzjoni[2] bħala ċittadin ta' Malta li tkun ġiet ippreżentata qabel il-15 ta' Awwissu, 1999."

39. Min-naha tieghu l-intimat isostni li dan is-subinciz kien intiz biex jeskludi mill-applikazzjoni tal-Att applikazzjonijiet pendenti, u mhux registrazzjonijiet. Jghid li dan is-subinciz kien gie introdott sabiex dawk l-applikazzjonijiet li kienu gew prezentati qabel il-15 ta' Awwissu 1999 jigu ipprocessati skont id-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, u b'hekk l-emenda relattiva ghall-kundizzjoni tal-hames snin ma tkunx applikabbli ghal tali applikazzjonijiet.

[2] Sottolinear tal-Qorti.

40. Din il-Qorti tosserva li dan is-sub inciz, b'differenza mis-subinciz 1[3] tal-istess artikolu, jeskludi mill-applikazzjoni tal-Att "xi applikazzjoni ghar-registrazzjoni" li kienet saret qabel l-imsemmija data u mhux ghall-applikazzjonijiet li kienu diga` gew determinati qabel il-promulgazzjoni tal-imsemmi Att. Ghalhekk dan is-sub inciz huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern li jitratta dwar revoka ta' registrazzjoni jew privazzjoni mic-cittadinanza u mhux id-determinazzjoni jekk applikazzjoni pendenti tigix accettata jew le.

41. F'dan l-istadju din il-Qorti ser tezamina l-legittimita` tal-ordni tal-intimat mill-aspett tal-proporzjonalita`, fis-sens li fid-dawl ta' dak kontenut fl-Art. 8 tal-Konvenzjoni, kienx inzamm bil-mizura mehuda mill-intimat, dak il-bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` min-naha wahda u min-naha l-ohra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti skolpiti f'dan l-artikolu. Dwar dan il-principju gie miktub hekk:

> "An important principle which, though nowhere in the European Convention on Human Rights mentioned in express terms, permeates the whole of its fabric is that of proportionality. Essentially this is but another facet of the concept of balance, and balance is very much at the centre of the whole subject of the protection of human rights, there being a sort of inbuilt balancing mechanism in the whole structure of the Convention. Indeed, as the European Court of Human rights stated in the Belgian *Lingustic case*, decided early as 1968, the Convention implies a just balance between the protection of the general interest of the community and the respect due to fundamental human rights, whilst attaching particluar importance to the latter." *[JJ Cremona Selected Papers 1990 – 2000 pg.31].*

42. Fir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet legali.

---

[3] Dan is-sub inciz jaqra hekk: " (1) Il-ksib jew iż-żamma taċ-ċittadinanza Maltija minn persuna taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta jew kull liġi oħra, qabel ma sar liġi l-Att tal-2000 li jemenda l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, ma għandhom jintlaqtu b'ebda mod mid-disposizzjonijiet ta' dak l-Att." [sottolinear ta' din il-Qorti].

43. Huwa principju statutorjament stabbilit li min jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' dak l-istess fatt.[4] Inoltre fil-kamp civili huwa sufficjenti li l-prova ssir fuq bilanc ta' probabbiltajiet.

44. Jizdied ukoll li, fil-kaz **Rottmann** il-Qorti Ewropea ghamlet din l-osservazzjoni:

> "Having regard to the importance which primary law attaches to the status of citizen of the Union, when examining a decision withdrawing naturalisation it is therefore necessary to take into account the consequences that the decision entails for the person concerned and, if relevant, for the members of his family with regard to the loss of the rights enjoyed by every citizen of the Union. In this respect it is necessary to establish, in particular, whether that loss is justified in relation to the gravity of the offence committed by that person, to the lapse of time between naturalisation decision and the withdrawal decision and to whether it is possible for that person to recover his origin nationality." [para.56].

45. Fil-meritu rrizulta li meta r-rikorrenti applikat, b'mod frawdolenti, sabiex tinghata lilha c-cittadinanza Maltija in bazi ghall-fatt li tlett ijiem qabel hi kienet izzewwget Malti, hija obbligat ruhha sabiex fiz-zmien preskritt tirrinunzja ghal kwalunkwe nazzjonalita` hlief dik Maltija.[5] Jirrizulta li sussegwentement hi kienet baghtet il-passaport taghha l-ambaxxata Marokkina fl-Italja, izda l-process waqaf hemm.

46. Mid-dokumenti esebiti u li ma gewx kontrastati bi provi li juru l-kuntrarju jirrizulta li sabiex persuna tkun legalment meqjusa li rrinunzjat ghan-nazzjonalita` Marrokkina jehtieg li tigi osservata procedura stabbilita mil-ligi

---

[4] Art. 562 Kap. 12.
[5] Fol. 29.

tal-Marokk li ghal dan il-ghan timponi certu kundizzjonijiet. Fost dawn il-kundizzjonijiet hemm dik li hija ssir applikazzjoni lill-Ministru tal-Gustizzja ta' dak il-pajjiz, li min-naha tieghu ghandu jiddeciedi fi zmien sena jekk jaccettax l-applikazzjoni tar-rinunzja. L-Artikolu 27 tal-Att dwar ic-Cittadinanza Marokkina jghid li l-Ministru tal-Gustizzja ghandu jiddeciedi fi zmien sena; ukoll *"failure to notify any decision within the stipulated period shall be construed as an opposition [to the application][6]".* L-Att jghid ukoll li fejn applikabbli r-rinunzja titqies bhala effettiva mill-gurnata tal-pubblikazzjoni tad-decizjoni fil-gurnal ufficjali tar-renju tal-Morokk.

47. Qabel xejn dwar il-punt tal-awtenticita` tad-dokumenti ezebiti li jirreferu ghal-ligi Marokkina dwar ic-cittadinanza, liema punt gie sollevat l-ewwel darba mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u fir-rikors tal-appell taghha, din il-Qorti tosserva li dawn kienu gew prezentati zmien qabel l-eghluq tal-istadju tal-provi u fl-ebda stadju ma giet kontestata l-awtenticita` taghhom. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni fl-istadju opportun u fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, l-ewwel Qorti kienet gustifikata legalment li taccetta l-awtenticita` taghhom.

48. Fil-meritu jigi osservat li, ghalkemm l-appellanti tghid li effettivament hi kienet ghamlet l-applikazzjoni skont il-ligi Marokkina, ma jirrizultax li segwiet il-procedura skont dik il-ligi, bir-rizultat li r-rikorrenti, ghalkemm tghid li hi kienet irrinunzjat ghac-cittadinanza, fil-fatt ma hemm ebda prova li turi li fil-fatt din ir-

[6] Fol. 75.

rinunzja kienet saret legalment. Tant hu hekk li fin-Note Verbal mibghuta lill-intimat mill-ambaxxata tal-Marokk datat 11 ta' Novembru 2010 hemm certifikat li *"it appears that the applicant did not follow the established procedure to renounce his/her Moroccan citizenship. In respect thereof, surrendering the Moroccan passport to a Moroccan diplomatic representation does not imply the loss of Moroccan citizenship."*[7]

49. Tenut kont tal-premess din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward meta din wara ezami tal-provi li kellha quddiemha waslet ghall-konkluzjoni li, minkejja li r-rikorrenti kellha zmien bizzejjed biex tressaq provi in sostenn tal-allegazzjoni taghha li hi kienet effettivament u legalment irrinunzjat ghac-cittadinanza Marokkina, din il-prova baqghet ma tressqitx. Fis-sottomissjonijiet taghha r-rikorrenti tipprova tasal ghal din il-prova bi process ta' eliminazzjoni, u cioe` billi tghid li l-awtoritajiet Marokkini ma kienux baqghu jikkonsidrawha bhala cittadina tal-Marokk, u wkoll li kieku ma rrizultatx tali rinunzja l-awtoritajiet Maltin ma kienux jaghtuha c-cittadinanza. L-ewwel Qorti korrettament osservat li kienet ir-rikorrenti li kellha ggib il-prova tal-allegat fatt, izda hi baqghet passiva fir-rigward, anzi l-provi juru li rinunzja fit-termini tal-ligi tal-Marokk ma kienitx saret.

50. L-ewwel Qorti kellha elementi ta' provi sufficjenti sabiex wara ezami tal-konsiderazzjonijiet lilha sottomessi tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u

[7] Ibid.

cioe` li ir-rikorrenti ma rnexxielhiex tipprova li bit-tnehhija tac-cittadinanza Maltija hija kienet ser issir apolida. Ghalhekk ghall-finijiet ta' din il-kawza, l-fattur ta' *statelessness* ma jikkonfigurax fil-konfront tar-rikorrenti li ghandha ghalhekk tigi meqjusa li ma tilfitx ic-cittadinanza Morokkina.

51. B'dan il-Qorti ma hijiex qeghda tghid illi li kieku tassew ir-rikorrenti kienet tispicca *stateless* dan necessarjament ifisser illi t-tnehhija tac-cittadinanza Maltija jkollha titqies sproporzjonata; qeghda tghid biss illi dan ma huwiex fattur li jehtieg li l-Qorti tqisu ghax fil-fatt il-premessa ta' *Statelessness* ma gietx provata.

52. Ghall-finijiet tal-ezami dwar il-proporzjonalita` tal-mizura huma wkoll relevanti s-segwenti fatti li jirrizultaw inkontrastati.

53. Illi wara li r-rikorrenti sseparat minn mar-ragel taghha, hija welldet tarbija fis-17 ta' Lulju 1998 minn ragel ta' nazjonalita` Sirjana.[8] F'Settembru tas-sena 2002 hija kienet giet estradita lejn l-Italija fejn b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell ta' Ragusa fit-30 ta' Gunju 2003 hija kienet giet ikkundannata prigunerija ghall-perjodu ta' tliet snin u hlas ta' multa sostanzjali in konnessjoni ma' reati ta' traffikar tal-persuni[9]. Fit-22 ta' Mejju 2006 ir-rikorrenti, fuq ammissjoni taghha stess, kienet instabet hatja mill-Qorti Kriminali ta' Malta tar-

---

[8] Fol. 31.

[9] Fl-affidavit taghha r-rikorrenti mhux talli ma tmerix li kien hemm sentenza mill-qorti Taljana kontra taghha izda tghid addirittura li din kienet saret finali, izda ma servietx il-piena minhabba l-ligi procedurali tal-Italja [fol. 30].

reat ta’ importazzjoni ta’ 1457.3 gramma tad-droga eroina minn Tunis ghal Malta kommess minnha fis-sena 2005 u kienet giet ikkundannata piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ hdax-il sena prigunerija flimkien mal-hlas ta’ multa sostanzjali.

54. Mill-premess jirrizulta li, ghalkemm ghadda perjodu ta’ circa hmistax-il sena bejn id-data tal-ghotja tac-cittadinanza u l-ordni tar-revoka, ma jistax jinghad li r-rikorrenti rabbiet xi gheruq fis-socjeta` Malta kif lanqas ma jirrizulta li membri tal-familja taghha jirrisjedu Malta. Fil-fatt ma hemmx prova li t-tifel taghha, imwieled minn ragel Sirjan, ghadu jghix Malta, filwaqt li mill-provi jirrizulta li hi ghadha tiskonta piena twila ta’ prigunerija.

55. Ghalhekk tenut kont tal-gravita` tal-agir frawdolenti tar-rikorrenti biex akkwistat ic-cittadinanza Maltija, tenut kont tal-fatt li m’ghandha ebda rabtiet ma’ Malta, tenut kont tar-reati serji li hi kkommettiet wara li kienet akkwistat ic-cittadinanza Maltija, kif ukoll il-fatt li ma jirrizultax sufficjentement provat li hi apolida, ma jistax validament jinghad fic-cirkostanzi li l-mizura li ttiehdet mill-Ministru intimat kienet sproporzjonata ghall-ghan taghha.

56. Fl-ahharnett jigi osservat li, ghalkemm fir-raba’ aggravju taghha r-rikorrenti qajjmet il-kwistjoni tal-*judicial review*, dan il-punt ma kienx tqajjem quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk il-kwistjoni ghal din il-Qorti hija *noviter deductus* li din il-Qorti bhala qorti ta’ revizjoni m’ghandhiex tezamina, ghax kif

jinsab ritenut *"ikun sovverzjoni tad-dritt li kieku jigi permess li qorti ta' revizjoni tezamina kwistjoni sollevata noviter deductus fir-rikors tal-appell"* [*App.Inf* **Michael George Done v. Rimus Riley Limited**, *deciza 27 ta' Frar 2009].*[10]

57. Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma nfondati.

*It-tmien aggravju*

58. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidra l-materja mill-aspett tal-ordni pubbliku in bazi ghall-fatt li kien hemm zwieg ta' inkonvenjenza, ghax l-ordni pubbliku fl-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni jmur oltre l-hajja privata tan-nies li jghixu f'pajjiz.

59. Fir-rigward din il-Qorti ser tillimita ruhha ghall-osservazzjoni li kif fuq gja` spjegat, l-istitut taz-zwieg huwa materja li taqa' fil-parametri ta' ordni pubbliku tenut kont tal-effetti serji u essenzjali li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`.

60. Fic-cirkostanzi din il-Qorti, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet taghha tal-aggravji premessi, liema aggravji gew michuda, ma tarax li tibqa' il-htiega li tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

61. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi respint.

---

[10] Ara kazistika hemm citata.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------